MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2010

Talba Numru. 427/2010

Public Broadcasting Services Limited (C13140).

Vs

Simon Estates (Naxxar) Limited.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' hames mija u dsatax-il euro u ghoxrin centezmu (€519.20) minghand is-socjeta' konvenuta, rapprezentanti bilanc fuq dritt dovut ghal servizzi rezi lilha, u minkejja li s-socjeta konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex thallas, hija baqghet inadempjenti. Bl-ispejjes ta' din il-procedura flimkien ma dawk ta' l-ittra interpellatorja tat-12 ta' Ottubru 2009 u bl-interessi skond il-ligi mid-data tal-fatturi relattivi sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra n-nota ta' riduzzjoni pprezentata mis-socjeta' attrici fejn irriduciet it-talba taghha mill-ammont pretiz ghal dak ta' mitejn u disa u hamsin ewro u sittin centezmu (€259.60).

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna s-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u disa u hamsin ewro u sittin centezmu (€259.60), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mis-socjeta' konvenuta.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------